MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 497/2000/1

**Gloric Vending Limited u Gloria Pont**

**Vs**

**Ivan Meli u Nathalie Meli f'isimhom propju u ghan-nom**
**tas-socjeta' Meli Holdings Limited.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ippremettew illi

Peress illi l-konvenuti xtraw minghand l-atturi tmienja u erbghin (48) *Hot Nut Vending Machines* tale quale bl-ispare parts relattivi bil-prezz ta' sittax il-elf Liri Maltin

(Lm16,000) li minnhom il-konvenuti hallsu hamest elef liri (Lm5,000) akkont, u

Peress illi f'Awissu 1998 il-konvenuti hadu in konsenja l-imsemmijin *Hot Nut Vending Machines* tale quale u spare parts minghajr ma' hallsu bilanc tal-prezz miftiehem nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-atturi.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija m'ghandhiex:

1. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi l-bilanc minnhom dovut ta' hdax il-elf liri Maltin (Lm11,000) prezz ta' l-oggetti lilhom mibjugha u kkonsenjati fuq deskritti bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol.3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 8 tal-process fejn eccepew :

(1) Illi, preliminarjament, l-atturi jridu jippruvaw a bazi ta' liema dokumenti qieghdin jikkonkludu li l-konvenuti xtraw l-*Hot Nut Vending Machines* in kwistjoni. L-eccipjenti qieghdin jassumu li l-pretenzjonijiet attrici jiskaturixxu minn skrittura privata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. IM1.

(2) Illi, preliminarjament, l-eccipjenti Nathalie Meli f'isimha propju kif giet imharrka ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hi ma ffirmatx il-konvenju Dok. IM1 u, ghalhekk, m'hijiex parti fl-istess konvenju u m'ghandha assolutament ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi. Kwindi m'hijiex il-leggittimu kontradittur.

*(3)* Illi, fil-mertu, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti qatt ma xtraw xi magni kif

allegat mill-atturi izda ffirmaw skrittura privata datata 23 ta' Awissu, 1998, (Dok. IM1) minn fejn jirrizulta bl-izjed mod ampju li s-socjeta' konvenuta Meli Holdings Limited intrabtet li tixtri u takkwista minghand l-atturi li, min-naha taghhom, obbligaw irwiehhom li jittraferixxu lill-istess socjeta' konvenuta tmienja u erbghin (48) *Hot Nut Vending Machines* biil-prezz finali ta' sittax-il elf liri Maltin (Lm16,000).

(4) Illi, ai termini tal-klawsola G ta' l-istess skrittura Dok. IM1, il-partijiet kellhom jersqu ghall-att finali fi zmien gimghatejn mid-data tal-konvenju. Illi, galadarba l-att finali baqa' ma sarx, il-konvenju Dok. IM1 illum skada definittivament. Illi l-atturi ma sejhux lill-konvenuti biex jersqu ghall-atti finali ai termini ta' l-artikolu 1357(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

(5) Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, ai termini tal-klawsola H ta' l-imsemmi konvenju Dok. IM1, l-att finali kien soggett ghall-approvazzjoni tal-konsulent legali ta' l-eccipjenti u, kif jirrizulta mid-Dok. IM2, l-imsemmija skrittura (Dok. IM1) ma gietx approvata.

*(6)* Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-atturi ma onorawx il-ftehim Dok. IM1 stante illi, effitivament, gew ikkonsenjati lill-konvenuti biss erba' u erbghn (44) *Hot Nut Vending Machines* u cioe' erba' anqas minn dak pattwit u, ai termini tal-klawsola B, l-atturi intrabtu illi jittrasferixxu lill-eccipjenti *''the sole rights given to Gloric Vending by the master distributor''* izda sa llum baqghu inadempjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti tac-citazzjoni u sentenza 240/2000;

Rat in-noti tal-partijiet.

**Il-fatti tal-kawza kienu dawn:**

Il-partijiet dahlu fi ftehim ta' weghda ta' bejgh-u-xiri li bis-sahha tieghu s-socjetà konvenuta *Meli Holdings Limited* kellha tixtri minghand is-socjetà attrici tmienja u erbg]in (48) *hot nut vending machines*. Il-prezz kellu jkun ta' sittax-il elf lira (Lm16,000) u meta saret il-weghda s-socjetà konvenuta hallset hamest elef lira (Lm5,000) akkont.

**Dan il-ftehim kien soggett ghall kondizzjoni, fost ohrajn, li**

(A) … [The] payment on account shall be forfeited in the Vendor Company's favour should the Purchaser Company withdraw from this agreement for no valid reason at law.

(G) The final agreement shall be signed within two weeks from date hereof.

(H) Subject to approval of this agreement by The Purchaser Company's Lawyers. Thus if said Lawyer does not approve this agreement, then the Purchaser Company undertakes to advise the Vendor Company that this agreement has not been approved. Thus, agreement shall be rescinded and any monies paid hereon to the Vendor Company shall be refunded to the Purchaser Company within forty eight hours from receipt of notice by the Purchaser Company that this agreement has not been approved and, consequently, rescinded. On refund to the Purchaser Company of the said funds, the Purchaser Company undertakes to return to the Vendor Company all machines and other items received by it.

F'din il-kawza s-socjeta attrici qed titlob il-bilanc ta' hdax il-elf liri Maltin (Lm11,000).

**Eccezzjonijiet**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hemm qbil li s-socjeta' konvenuta xtrat l-*Hot Nut Vending Machines* in kwistjoni a bazi ta' l-skrittura privata Dok. IM1 a fol 13.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu li Nathalie Meli kif giet imharrka ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi hi ma ffirmatx il-konvenju Dok. IM1 u ghalhekk m'hijiex il-leggittimu kontradittur. Il-konvenuti qed jissottomettu li fin-nuqqas tal-firma tal-konvenuta Natalie Meli fuq il-konvenju dan igib in-nullita' ab intio tal-konvenju ghax nieqes mir-rekwizit essenzjali sabiex il-kuntratt ikun jiswa, u fl-aghar ipotesi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kinitx prezenti ghall konvenju u ma ffirmatx l-istess u Ivan Meli ma kienx awtorizzat jiffirma ghan-nom tal-mara tieghu.

Illi dwar dina l-eccezzjoni jirrizulta (ara xhieda fost l-ohrajn tan-Nutar Grech Trapani) li Natalie Meli ma kienitx prezenti meta gie iffirmat il-ftehim u ghalhekk lanqas iffirmatu, u jekk Ivan Meli qal li kien awtorizzat li jirrapprezenta lill mara tieghu, fil-fatt ma gie pprezentat ebda dokument f'dan is-sens. Illi dana n-nuqqas ma jgibx necessarjament in-nullita' tal-ftehim, imma zgur li f'dan il-kaz Natalie Meli m'hiex legittimu kontradittur billi m'hiex firmatarja tal-ftehim.

Il-konvenuti eccepew fil-mertu, illi huma qatt ma xtraw xi magni kif allegat mill-atturi izda ffirmaw skrittura privata datata 23 ta' Awissu, 1998 (?), minn fejn jirrizulta li s-socjeta' konvenuta intrabtet li tixtri u takkwista minghand l-atturi li, min-naha taghhom, obbligaw irwiehhom li jittraferixxu lill-istess socjeta' konvenuta tmienja u erbghin (48) *Hot Nut Vending Machines* bil-prezz finali ta' sittax-il elf liri Maltin (Lm16,000). Illi, ai termini tal-klawsola G ta' l-istess skrittura l-partijiet kellhom jersqu ghall-att finali fi zmien gimghatejn mid-data tal-konvenju. Illi l-att finali kien soggett ghall-approvazzjoni tal-konsulent legali tal-konvenuti. Skond il-konvenuti l-imsemmija skrittura (Dok. IM1) baqghet ma gietx approvata. Illi ghalhekk galadarba l-att finali baqa' ma sarx, il-konvenju llum skada definittivament billi l-atturi ma sejhux lill-konvenuti biex jersqu ghall-atti finali ai termini ta' l-artikolu 1357(2) tal-

Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-atturi ma onorawx il-ftehim billi gew ikkonsenjati lill-konvenuti biss erba' u erbghn (44) *Hot Nut Vending Machines* u cioe' erba' anqas minn dak pattwit.

**Tikkunsdira**

Nuqqas ta' konsenja shiha u hsara.

Il-ftehim bejn il-partijiet, kien soggett ghall approvazzjoni tal-avukat tas-socjeta' konvenuta (patt H). Ghalkemm l-konvenuti setghu jinhallu mill-ftehim jekk l-avukat taghhom ma japprovahx il-ftehim, dina l-approvazzjoni setghet ma tinghatax biss ghal raguni valida. Il-konvenuti qed isostnu li huma kellhom raguni valida ghaliex ma japprovawx il-ftehim billi xi vending machines kellhom hsara jew kienu total loss, ma saritx il-konsenja kollha tal-magni, u ma nghatawx l-esclusivity mid-ditta ta' barra.

Illi mill-provi prodotti mill-konvenuti ma jirrizultax liema kienu l-vending machines li kellhom hsara u li ma setghux jissewwew. Inoltre mix-xhieda ta' Gloria Pont u d-dokument minnha ezibit (G4) jirrizulta li l-makni kollha imsemmija fil-ftehim gew migbura mill-konvenuti. Skond dina l-ircevuta a fol 32 Dok G4 datata 29 ta' Dicembru 1998 John Formosa iddikjara li rceva l-erba vending machines li kien jonqos, minghand C. Zammit. Skond id-dokument IM4 a fol 87 fil-31 ta' Ottubru 1998 kien jonqos biss 4 magni x'jingabru u dawn effettivament gew migbura f'Dicembru skond id-dokument imsemmi G4. Kwantu ghall dawk il-magni li kienu ghand Gomez, skond dana (ara fol 130) hu kien irritorna il-magni lill Ivan Meli.

Gie pruvat ukoll li Prototype 2000 Ltd, il-manufatturi accettaw li jittrasferixxu lill-konvenuti d-drittijiet esklussivi ghall-marketing u distribuzzjoni tal-makni f'Malta (ara dok G5 a fol 34).

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-konvenuti ma ppruvawx li huma kellhom xi raguni valida ghaliex ma jersqux ghal ftehim.

Konvenju skadut

Il-konvenuti jirritjenu li llum huma ma jistghux jersqu ghall kuntratt finali ta' bejgh u xiri ghax dana ma giex iffirmat u ghalhekk skada. Huma jissottomettu li skond il-ftehim (patt G) dan (il-ftehim) kellu jkun bil-miktub u li skond l-art. 114 tal-Kodici tal-Kummerc jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validità tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalità.

Ghalkemm dak ritenut mill-konvenuti huwa veru izda dina hija biss prezunzjoni *iuris tantum* u ma tibqax tghodd meta l-imgieba tal-partijiet turi bic-car illi huma jqisu illi l-ftehim sar u twettaq. Gloria Pont xehdet li wara li sar il-ftehim u ghaddew il-hmistax il-gurnata Meli ha l-vending machines u anke biddel l-labels tal-magni b'labels b'isem gdid. Wara kwazi sentejn li Meli baqa' juza dawn il-magni u dahhal l-qliegh kollu, hu fittixha ghad-depozitu li kien ghamel u ddepozita l-makni ghand kunsinnatarju. Kien biss fit-22 ta' Settembru 1999 li l-konvenuti intimaw lill atturi li l-ftehim ma kienx gie approvat xhur wara l-hmistax il-gurnata miftiehma. Dok G6 a fol 35. Id-dokument indikat mill-konvenuti IM4 datat 31/10/1998 a fol 87 mhux in-notice skond il patt H li l-konvenuti kellhom jibghatu li huma ma kienux qed japprovaw u jirrixxindu l-ftehim.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba attrici u
Tikkundanna l-konvenut Ivan Meli kif imharrek ihallas lill-atturi l-bilanc minnhom dovut ta' hdax il-elf liri Maltin (Lm11,000) prezz ta' l-oggetti lilhom mibjugha u kkonsenjati fuq deskritti;
Tillibera lill-konvenuta Natalie Meli mill-osservanza tal-gudizzju;
bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Ivan Meli kif imharrek.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------